MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 397/2013

**The General Soft Drinks Company Limited (C-1591)**

**vs**

**Joe Vella u s-socjeta' Ta' Natu Limited (C-8167)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Dicembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u zewg centezmi (€8,429.02) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom u dan skond ma jidher fir-rendikont hawn anness u mmarkat "Dok A".

Bl-imghaxijiet mis-27 ta' Gunju, 2013 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-5 ta' Novembru 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2532/13 li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datata 17 ta' Frar 2014 fejn ma thallietx kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenuti kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici, u dan peress illi l-Marixxal ma sabx dan il-fond, pero' thalliet kopja mill-istess Marixxal fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar (fol. 8 tergo).

Rat illi l-konvenuti gew ukoll notifikati bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-25 ta' Marzu 2014 (fol 7) u fil-gazzetta lokali Times of Malta nhar l-24 ta' April 2014 (Dok. TT1).

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tas-7 ta' Mejju 2014.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom sabiex iwiegbu ghad-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti in solidum jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, erba' mija u disgha u ghoxrin ewro u zewg centezmi (€8,429.02) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficali pprezentata fil-5 ta' Novembru 2013 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum nkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-5 ta' Novembru 2013 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2532/13.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------